VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 33 tal-2017

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, fil-Qafas ta' Trasferiment Intra-azjendali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu u kamp ta' applikazzjoni.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, fil-Qafas ta' Trasferimenti Intra-azjendali.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu Direttiva tal-Kunsill 2014/66/KE tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiż terz, fil-qafas ta' trasferimenti intra-azjendali.

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hu li jiddetermina:

(a) il-kondizzjonijiet għal dħul u residenza għal aktar minn disgħin jum f'Malta, u d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiż terz u tal-membri tal-familja tagħhom fil-qafas ta' trasferiment intra-azjendali; u

(b) il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza, u d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiż terz, imsemmija fis-subregolament (1), meta Malta mhux l-Istat Membru li l-ewwel ħareġ il-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali lil ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"Bord" tfisser il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, imwaqqaf bl-artikolu 25A tal-Att;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"*Chairperson* Eżekuttiv" tfisser iċ-*Chairperson* Eżekuttiv tal-
L.S. 497.07 Aġenzija Identità Malta, stabbilita skont l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta, jew kull uffiċjal f'pożizzjoni għolja skont kif delegat;

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhix ċittadin tal-Unjoni Ewropea, skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) ta' Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"entità ospitanti" tfisser l-entità li lejha huwa ttrasferit ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, irrispettivament mill-forma legali tagħha, stabbilita, f'konformità mal-liġi nazzjonali, f'Malta;

"grupp ta' impriżi" tfisser żewġ impriżi jew iktar rikonoxxuti li għandhom rabtiet bejniethom kif ġej, fejn impriża, f'relazzjoni diretta jew indiretta ma' impriża oħra:

(a) għandha l-maġġoranza tal-kapital sottoskritt ta' dik l-impriża;

(b) tikkontrolla l-maġġoranza tal-voti marbutin mal-kapital sottoskritt ta' dik l-impriża;

(ċ) hija intitolata taħtar aktar minn nofs il-membri tal-korp ta' amministrazzjoni, ta' ġestjoni jew ta' superviżjoni ta' dik l-impriża; jew

(d) l-impriżi huma ġestiti fuq bażi unifikata mill-impriża prinċipali;

"ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali" tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi barra mill-Istati Membri fi żmien l-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali u li huwa suġġett għal trasferiment intra-azjendali;

"impjegat apprendist" tfisser persuna b'lawrja universitarja trasferita lejn entità ospitanti għal skopijiet ta' żvilupp fil-karriera jew biex tikseb taħriġ fit-tekniki jew il-metodi tan-negozju u li titħallas matul it-trasferiment;

"maniġer" tfisser persuna li tkun f'pożizzjoni għolja, li tirregola primarjament il-ġestjoni tal-entità ospitanti, li tirċievi superviżjoni ġenerali jew gwida prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew l-azzjonisti tan-negozju jew ekwivalenti, u dik il-pożizzjoni għandha tinkludi:

(a) it-tmexxija tal-entità ospitanti jew dipartiment jew sottodiviżjoni tal-entità ospitanti;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) is-superviżjoni u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati oħra superviżuri professjonali jew maniġerjali;

(ċ) l-awtorità li tingaġġa, tkeċċi jew tieħu azzjonijiet oħra fir-rigward tal-persunal;

"membri tal-familja" tfisser iċ-ċittadini ta' pajjiż terz imfissra fir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; L.S. 217.06

"permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali" tfisser kwalunkwe awtorizzazzjoni bl-akronimu 'ICT' li jagħti d-dritt lid-detentur li jirresjedi u jaħdem f'Malta u fi Stati Membri oħra fejn applikabbli, skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti;

"permess ta' mobilità għal perijodu twil" tfisser awtorizzazzjoni bl-akronimu 'ICT mobbli' li jagħti d-dritt lid-detentur ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali li jirresjedi u jaħdem fit-territoju ta' Malta skont it-termini ta' dawn ir-regolamenti;

"proċedura ta' applikazzjoni unika" tfisser il-proċedura li twassal, fuq il-bażi ta' applikazzjoni waħda għall-awtorizzazzjoni ta' residenza u xogħol ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Malta, għal deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni;

"professjoni regolata" tfisser professjoni regolata kif imfisser fir-regolament 4(1)(a) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03

"speċjalist" tfisser persuna li taħdem fi grupp ta' impriżi u li għandha għarfien speċjalizzat essenzjali għall-oqsma ta' attività, it-tekniki jew il-ġestjoni tal-entità ospitanti. Meta jiġi vvalutat tali għarfien, għandu jitqies mhux biss l-għarfien speċifiku għall-entità ospitanti, imma ukoll jekk il-persuna jkollhiex livell għoli ta' kwalifiki inkluża esperjenza professjonali adegwata li jirreferu għal tip ta' xogħol jew ta' attività li jeħtieġ għarfien tekniku speċifiku, inkluża s-sħubija possibbli fi professjoni akkreditata;

"Stat Membru" tfisser kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li japplika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/66/UE;

"Stat Membru ieħor" tfisser l-ewwel Stat Membru li jagħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali minbarra Malta;

"trasferiment intra-azjendali" tfisser sekondar temporanju għal finijiet okkupazzjonali jew ta' taħriġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz li, fiż-żmien tal-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem bi trasferiment

VERŻJONI ELETTRONIKA

intra-azjendali jirrisjedi barra mit-territorju tal-Istati Membri, minn impriża stabbilita barra mill-Istati Membri u li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun marbut magħha matul it-trasferiment permezz ta' kuntratt ta' xogħol qabel u matul it-trasferiment, għal entità li tappartjeni lill-impriża jew lill-istess grupp ta' impriżi li hija stabbilita f'Malta, u, fejn applikabbli, il-mobilità bejn l-entitajiet ospitanti stabbiliti fi Stati Membri oħra.

Applikabilità ta' dawn ir-regolamenti.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu barra mit-territorju tal-Istati Membri fi żmien l-applikazzjoni u li japplikaw biex jiġu ammessi, jew li ġew ammessi fit-territorju ta' Stati Membri oħra taħt it-termini tad-Direttiva 2014/66/UE u, fejn applikabbli, taħt it-termini ta' dawn ir-regolamenti, skont il-qafas tat-trasferiment intra-azjendali bħala maniġers, speċjalisti jew impjegati apprendisti.

(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' pajjiż terz li:

L.S. 217.10

(a) japplikaw biex jirrisjedu f'Malta bħala riċerkaturi, fit-tifsira tar-Regolamenti dwar Proċedura Speċjali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għal Finijiet ta' Riċerka Xjentifika, sabiex jagħmlu proġett ta' riċerka;

(b) taħt ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u pajjiżi terzi, ikollhom drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni jew huma impjegati minn impriża f'dawk il-pajjiżi terzi;

L.S. 452.82

(ċ) huma stazzjonati fil-qafas tar-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta u fejn applikabbli, id-Direttiva 96/71/KE;

(d) jagħmlu attivitajiet bħala ħaddiema għal rashom;

(e) huma assenjati minn aġenziji tal-impjieg, aġenziji ta' xogħol temporanju jew kwalunkwe impriża oħra impenjata li tagħmel disponibbli ħaddiema biex jaħdmu taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni ta' impriża oħra;

(f) li jiġu aċċettati bħala studenti *full-time* jew li jkunu qegħdin jagħmlu taħriġ prattiku sorveljat għal żmien qasir bħala parti mill-istudji tagħhom.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt taċ-*Chairperson* Eżekuttiv li joħroġ permessi ta' residenza oħra, minbarra l-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali kopert minn dawn ir-regolamenti, għal kwalunkwe fini

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' impjieg għal ċittadini ta' pajjiż terz li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA II

Kondizzjonijiet ta' Ammissjoni

Kondizzjonijiet ta' ammissjoni.

4. (1) Ċittadin ta' pajjiż terz għandu jissottometti liċ-*Chairperson* Eżekuttiv applikazzjoni għall-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, u approvat mill-entità ospitanti, u għandu:

(a) jipprovdi evidenza li l-entità ospitanti u l-impriża stabbilita f'pajjiż terz jappartjenu għall-istess impriża jew grupp ta' impriżi;

(b) jipprovdi evidenza ta' impjieg fl-istess impriża jew grupp ta' impriżi, minn tal-inqas tliet xhur sa tnax-il xahar wara xulxin eżatt qabel id-data tat-trasferiment intra-azjendali fil-każ tal-maniġers u speċjalisti, u minn tal-inqas tliet xhur sa sitt xhur wara xulxin ta' impjegati apprendisti;

(ċ) jippreżenta kuntratt ta' xogħol u, jekk ikun meħtieġ, ittra ta' stazzjonar mingħand min iħaddmu li jkun fiha dan li ġej:

(i) dettalji tal-perijodu taż-żmien tat-trasferiment u l-post fejn tinsab l-entità jew l-entitajiet ospitanti;

(ii) evidenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser ikollu pożizzjoni ta' maniġer, speċjalist jew impjegat apprendist fl-entità jew l-entitajiet ospitanti f'Malta;

(iii) ir-rimunerazzjoni kif ukoll termini u kondizzjonijiet oħrajn tal-impjieg li ngħataw matul it-trasferiment intra-azjendali;

(iv) evidenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ser ikun jista' jiġi trasferit lura għal entità li tappartjeni għal dik l-impriża jew grupp ta' impriżi stabbilita f'pajjiż terz fi tmiem it-trasferiment intra-azjendali;

(d) jagħti evidenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu l-kwalifiki u l-esperjenza professjonali meħtieġa fl-entità ospitanti li għaliha għandu jiġi trasferit bħala maniġer jew speċjalist jew, fil-każ ta' impjegat apprendist, il-lawrja universitarja meħtieġa;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) fejn applikabbli, jippreżenta dokumenti li jiċċertifikaw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skont ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali biex jeżerċita l-professjoni regolata li għalihom tirrigwarda l-applikazzjoni; L.S. 451.03

(f) jippreżenta dokument tal-ivvjaġġar validu u applikazzjoni għal viża jew viża, jekk meħtieġ, li dwarha ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jeħtieġ li l-perijodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar ikopri tal-inqas il-perijodu ta' validità inizjali tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali;

(g) jipprovdi evidenza li għandu, jew li applika għal, assigurazzjoni tal-mard minħabba fir-riskji kollha li normalment huma koperti għaċ-ċittadini Maltin fejn il-kopertura tal-assigurazzjoni u d-dritt għall-benefiċċji korrispondenti mhumiex ipprovduti f'konnessjoni max-xogħol, jew b'riżultat tal-kuntratt tax-xogħol;

(h) jippreżenta l-indirizz f'Malta fi żmien meta jingħata l-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

(2) L-applikant għandu jippreżenta d-dokumenti elenkati fis-subregolament (1)(a), (ċ), (d), (e) u (g) bil-Malti jew bl-Ingliż.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jirrikjedi li:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali waqt it-trasferiment intra-azjendali, minbarra r-rimunerazzjoni, għandhom ikunu dawk li huma mogħtija lil impjegati stazzjonati f'Malta skont ir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta; L.S. 452.82

(b) ir-rimunerazzjoni li tingħata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz matul it-trasferiment intra-azjendali kollu ma tkunx inqas favorevoli mir-rimunerazzjoni li tingħata lil ċittadin ta' Malta fejn jitwettaq ix-xogħol li jkollu pożizzjoni komparabbli skont il-liġi applikabbli jew il-ftehimiet kollettivi.

(4) Abbażi tad-dokumentazzjoni provduta skont is-subregolament (1), iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jirrikjedi li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali ser ikollu biżżejjed riżorsi matul iż-żjara tiegħu jew tagħha biex imantni lilu nnifsu jew lilha nnifisha, il-membri tal-familja tiegħu jew tagħha mingħajr rikors għas-sistema tal-assistenza soċjali ta' Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Minbarra l-evidenza meħtieġa bis-subregolament (1), kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li japplika għal ammissjoni bħala impjegat apprendist għandu jintalab jippreżenta ftehim ta' taħriġ, relatat mat-tħejjija tal-pożizzjoni futura tiegħu jew tagħha fl-impriża jew fil-grupp ta' impriżi, inkluża deskrizzjoni tal-programm ta' taħriġ, li turi li l-fini tal-permanenza huwa li l-impjegat apprendist jiġi mħarreġ għall-finijiet tal-iżvilupp tal-karriera jew sabiex jikseb taħriġ f'tekniki jew metodi ta' negozju, it-tul tiegħu u l-kondizzjonijiet li taħthom l-impjegat apprendist jiġi sorveljat matul il-programm.

(6) Kwalunkwe modifika matul il-proċedura ta' applikazzjoni li taffettwa l-kriterji għal ammissjoni kif stabbilit f'dan ir-regolament għandha tiġi notifikata liċ-*Chairperson* Eżekuttiv.

(7) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv m'għandux jaċċetta ċittadini ta' pajjiżi terzi jekk ikunu kkunsidrati bħala theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika.

Volumi ta' ammissjoni.

5. Dawn ir-regolamenti m'għandhomx jaffettwaw id-dritt, kif stabbilit fl-Artikolu 79(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tal-Ministru responsabbli għall-impjiegi li jiddetermina l-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu f'Malta u abbażi ta' dan, l-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jista' jitqies inammissibbli jew jiġi miċħud.

Raġunijiet għal rifjut.

6. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirrifjuta applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem bi trasfriment intra-azjendali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta ma jkunx hemm konformità mar-regolament 4;

(b) meta d-dokumenti ppreżentati nkisbu bi frodi, ikunu ffalsifikati jew imbagħbsa;

(ċ) meta l-entità ospitanti tkun ġiet stabbilita għall-fini prinċipali li tiffaċilita d-dħul ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali;

(d) meta t-tul massimu ta' permanenza kif imfisser fir-regolament 10(1) ikun intlaħaq.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu, jekk ikun adatt, jirrifjuta applikazzjoni fejn min iħaddem jew l-entità ospitanti kienu ġew sanzjonati skont il-liġi nazzjonali.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirrifjuta applikazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

għal permess għal trasferiment intra-azjendali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn min iħaddem jew l-entità ospitanti tkun naqset milli tilħaq l-obbligi legali tagħha fir-rigward tas-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol jew il-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(b) fejn in-negozju ta' min iħaddem jew tal-entità ospitanti qiegħed stralċjat jew ġie stralċjat taħt l-Att dwar il-Kumpanniji jew jekk ma tkunx qed isir attività ekonomika; Kap. 386.

(ċ) fejn il-ħsieb jew l-effett tal-preżenza temporanja tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jinterferixxi fl-eżitu ta' kwalunkwe tilwin ta' ġestjoni tax-xogħol jew fin-negozjar, jew jaffetwahom b'xi mod ieħor.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirrifjuta applikazzjoni għal permess għal trasferiment intra-azjendali għar-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 10(2).

(5) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni biex tiġi rifjutata applikazzjoni għandha tieħu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Irtirar jew nuqqas ta' tiġdid tal-permess għal trasferiment intra-azjendali.

7. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jirtira permess ta' trasferiment intra-azjendali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta jkun inkiseb bi frodi, jew ikun iffalsifikat, jew imbagħbas; jew

(b) fejn il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jkun qed jirrisjedi f'Malta għal finijiet oħra li mhumiex dawk li għalihom ġie awtorizzat jew ġiet awtorizzata jirrisjedi jew tirrisjedi;

(ċ) meta l-entità ospitanti tkun ġiet stabbilita għall-fini prinċipali li tiffaċilita d-dħul ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu, jekk xieraq, jirtira permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali meta min iħaddem jew l-entità ospitanti jkunu ġew sanzjonati skont il-liġi nazzjonali.

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jirrifjuta li jġedded

VERŻJONI ELETTRONIKA

permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta jkun inkiseb bi frodi, jew kien iffalsifikat, jew imbagħbas;

(b) meta l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jkun qed jirrisjedi f'Malta għal finijiet oħra li mhumiex dawk li għalihom ġie awtorizzat jirrisjedi;

(ċ) meta l-entità ospitanti tkun ġiet stabbilita għall-fini prinċipali li tiffaċilita d-dħul ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali;

(d) meta t-tul massimu ta' żjara kif imfisser fir-regolament 10(1) jkun intlaħaq.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu, jekk xieraq, jirrifjuta li jġedded permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali meta min iħaddem jew l-entità ospitanti tkun ġiet sanzjonata skont il-liġi nazzjonali.

(5) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirtira jew jirrifjuta li jġedded permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fejn ma jkunx jew ma jibqax iktar konformi mar-regolament 4;

(b) fejn min iħaddem jew l-entità ospitanti tkun naqset milli tilħaq l-obbligi legali tagħha fir-rigward tas-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(ċ) fejn in-negozju ta' min iħaddem jew tal-entità ospitanti qiegħed stralċjat jew ġie stralċjat taħt l-Att dwar il-Kumpanniji jew jekk ma tkunx qed issir attività ekonomika; Kap. 386.

(d) meta t-trasferiment intra-azjendali ma kienx konformi mar-regoli ta' mobilità stabbiliti fir-regolamenti 18 u 19.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) u (3), fi kwalunkwe deċiżjoni għall-irtirar jew ir-rifjut ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jieħu f'konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

Proċedura u Permess

Aċċess għall-informazzjoni.

8.(1)(a) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jagħmel l-informazzjoni dwar l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għal applikazzjoni u l-informazzjoni dwar id-dħul u r-residenza, disponibbli faċilment lill-applikanti inklużi d-drittijiet, l-obbligi u s-salvagwardji proċedurali, tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali u tal-membri tal-familja tiegħu jew tagħha.

(b) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu wkoll jagħmel disponibbli informazzjoni dwar proċeduri applikabbli għall-mobilità għal perijodu qasir imsemmija fir-regolament 18(2) u għall-mobilità għal perijodu twil imsemmija fir-regolament 19(1).

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jagħmel disponibbli informazzjoni għall-entità ospitanti dwar id-dritt tal-awtoritajiet Maltin li jimponu sanzjonijiet f'konformità mar-regolament 21.

Applikazzjoni għal permess għal trasferiment intra-azjendali jew permess għall-mobilità fit-tul.

9. (1) L-applikazzjoni għal permess għal trasferiment intra-azjendali għandha tiġi ppreżentata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun qed jirrisjedi barra minn Malta.

(2) L-applikazzjoni għal permess għal trasferiment intra-azjendali għandha tiġi ppreżentata liċ-*Chairperson* Eżekuttiv fejn l-ewwel żjara tkun ser issir jew jekk iż-żjara f'Malta ser tkun l-itwal żjara b'mod ġenerali matul it-trasferiment.

(3) L-applikant għandu jkun intitolat li jippreżenta applikazzjoni fi proċedura ta' applikazzjoni unika.

Tul ta' trasferiment intra-azjendali.

10. (1) It-tul massimu ta' trasferiment intra-azjendali għandu jkun ta' tliet snin għall-maniġers u speċjalisti u sena għall-impjegati apprendisti li wara dan il-perijodu huma għandhom jitilqu minn Malta dment li ma jiksbux permess ta' residenza fuq bażi oħra f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, l-Att jew kwalunkwe liġi nazzjonali oħra.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jeħtieġ li jgħaddi perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur bejn tmiem it-tul massimu ta' trasferiment imsemmi fis-subregolament (1) u applikazzjoni oħra fir-rigward l-istess ċittadin ta' pajjiż terz għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

11. (1) Ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali li jissodisfaw il-kriterji ta' ammissjoni stabbiliti fir-regolament 4 u li dwarhom iċ-*Chairperson* Eżekuttiv ikun ħa deċiżjoni pożittiva, u

VERŻJONI ELETTRONIKA

wara n-notifika liċ-*Chairperson* Eżekuttiv tal-ħruġ tal-liċenza tax-xogħol maħruġa mill-awtoritajiet pertinenti responsabbli għall-ħruġ ta' tali liċenzi, għandu jinħarġilhom permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, li għandu jitqies bħala liċenza tax-xogħol maħruġa skont artikolu 11(3) tal-Att, u l-ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali m'għandhomx jinħarġilhom l-ebda permess addizzjonali ta' xogħol ta' kwalunkwe tip ieħor.

(2) Il-perijodu ta' validità tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandu jkun ta' mill-inqas sena jew it-tul tat-trasferiment f'Malta, skont liema jkun l-iqsar, u jista' jiġi estiż għall-massimu ta' tliet snin għal maniġers u speċjalisti u sena għal impjegati apprendisti.

(3) Il-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandu jinħareġ miċ-*Chairperson* Eżekuttiv permezz tal-format uniformi stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002.

(4) Taħt l-intestatura 'tip ta' permess', f'konformità mal-punt (a) 6.4 tal-Anness għar-Regolamenti (KE) Nru 1030/2002, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jdaħħal 'ICT'.

(5) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jindika informazzjoni addizzjonali relatata mal-attività ta' impjieg matul it-trasferiment intra-azjendali taċ-ċittadin tal-pajjiż terz fuq il-karta, u, jew jaħżen tali *data* f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru. 1030/2002 u fil-punt (a) 16 tal-Anness għalih.

(6) Ċittadini ta' pajjiż terz li l-applikazzjoni tagħhom għal ammissjoni tkun aċċettata mill-awtoritajiet pertinenti għandha tingħatalhom kull facilità biex jiksbu l-viża meħtieġa.

Modifiki li jaffettwaw il-kondizzjonijiet għal ammissjoni matul iż-żjara.

12. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jiġi notifikat mill-applikant dwar xi modifika matul iż-żjara li taffettwa l-kondizjonijiet għal ammissjoni kif stabbilit fir-regolament 4.

Salvagwardji proċedurali.

13. (1) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jew tiġdid tiegħu u jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni bil-miktub, mill-aktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn disgħin jum mid-data li fiha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta.

(2) Fejn l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni provduta b'appoġġ għall-applikazzjoni ma tkunx kompluta, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jinnotifika lill-applikant f'perijodu raġonevoli dwar l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa u jistabbilixxi skadenza

VERŻJONI ELETTRONIKA

raġonevoli sabiex din tiġi provduta. Il-perijodu msemmi fis-subregolament (1) għandu jiġi sospiż sakemm iċ-*Chairperson* Eżekuttiv ikun irċieva l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

(3) Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tiddikjara inammissibbli jew li tirrifjuta applikazzjoni jew li tirrifjuta t-tiġdid, għandhom jingħataw lill-applikant bil-miktub. Ir-raġunijiet għal deċiżjoni li tirtira permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandhom jingħataw bil-miktub kemm lill-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali kif ukoll lill-entità ospitanti.

(4) Meta ċ-*Chairperson* Eżekuttiv ikun iddikjara inammissibbli jew irrifjuta applikazzjoni, jew irrifjuta t-tiġdid, jew irtira permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikollu d-dritt li jappella quddiem il-Bord fil-perijodi msemmija fl-Att.

(5) Fil-perijodu msemmi fir-regolament 10(1), applikant għandu jkun jista' jippreżenta applikazzjoni għal tiġdid qabel l-iskadenza tal-permess ta' trasferiment intra-azjendali. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jistabbilixxi skadenza massima ta' disgħin jum qabel l-iskadenza tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal tiġdid.

(6) Meta l-validità tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali tiskadi matul il-proċedura għat-tiġdid, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu joħroġ awtorizzazzjoni ta' residenza biex jitħalla jibqa' jew tibqa' f'Malta sakemm tittieħed deċizjoni dwar l-applikazzjoni.

TAQSIMA IV

Drittijiet

Drittijiet abbażi ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

14. Matul il-perijodu ta' validità ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, id-detentur ta' permess ta' ħaddiem intra-azjendali, u skont kif previst fir-regolament 17, għandu jgawdi mill-inqas id-drittijiet li ġejjin:

(a) id-dritt għal dħul u żjara f'Malta;

(b) aċċess liberu għat-territorju kollu ta' Malta skont il-liġi nazzjonali;

(ċ) id-dritt li jeżerċita l-attività ta' impjieg speċifiku awtorizzata bil-permess skont il-liġi nazzjonali, fi kwalunkwe entità ospitanti li tappartjeni għal impriża jew grupp ta' impriżi stabbiliti f'Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dritt għal trattament ugwali.

15. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 4(3)(b), ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali ammessi taħt dawn ir-regolamenti għandhom igawdu trattament ugwali bħall-persuni koperti mir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta fir-rigward tat-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg. L.S. 452.82

(2) Il-ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali għandhom igawdu minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini ta' Malta fejn isir ix-xogħol fir-rigward:

(a) tal-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ma' organizzazzjoni li tirrappreżenta ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu involuti f'impjieg speċifiku, inklużi d-drittijiet u l-benefiċċji mogħtija minn dawn l-organizzazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika;

(b) tar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra f'konformità mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali; L.S. 451.03

(ċ) tad-dispożizzjonijiet fil-liġi nazzjonali rigward il-fergħat tas-sigurtà soċjali kif imfissra fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 883/2004:

Iżda l-benefiċċji tal-familja pagabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali m'għandhomx japplikaw għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali li ġew awtorizzati sabiex jirrisjedu u jaħdmu f'Malta għal perijodu li ma jeċċedix id-disa' xhur: Kap. 318.

Iżda wkoll it-trattament ugwali għandu japplika biss għal ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali li mhumiex koperti mil-legislazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini bis-saħħa ta' ftehim bilaterali:

Iżda wkoll l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għandha tkun bla ħsara għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli fi ftehim bilaterali konklużi bejn il-Gvern ta' Malta u pajjiż terz wieħed jew aktar:

Iżda wkoll fil-każ ta' ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali li huma f'sitwazzjoni li mhix konfinata fl-aspetti kollha ġewwa Stat Membru wieħed, ir-Regolament (KE) Nru. 1231/2010 għandu japplika kif meħtieġ, mingħajr preġudizzju għal ftehimiet bilaterali li jiżguraw li l-ħaddiem bi trasferiment intra-ażjendali huwa kopert mil-legislażżjoni tal-pajjiż ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

oriġini:

Iżda wkoll, mingħajr preġudizzju għar-Regolamanet (KE) Nru. 1231/2010 u għal ftehimiet bilaterali, ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali li ser jiċċaqilqu lejn pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jirrisjedu f'pajjiż terz u li għandhom id-drittijiet derivanti minn dawk il-ħaddiema, għandhom jirċievu, fir-rigward tal-anzjanità, l-invalidità u l-mewt, il-pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjieg preċedenti tal-ħaddiema bi trasferiment intra-azjendali u miksuba f'konformità mal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali taħt l-istess kondizzjonijiet u bl-istess rati daqs dawk li jirċievu ċ-ċittadini Maltin meta jiċċaqalqu għal pajjiż terz;

Kap. 318.

(d) aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista ta' oġġetti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku, minbarra proċeduri biex ikun hemm akkomodazzjoni kif previst mil-liġi nazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-libertà kuntrattwali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali, u servizzi offruti minn uffiċċji pubbliċi tal-impjieg.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt taċ-*Chairperson* Eżekuttiv li jirtira jew jirrifjuta li jġedded il-permess f'konformità mar-regolament 7.

Membri tal-familja.
L.S. 217.06

16. Ir-Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji għandhom japplikaw bid-derogi mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija regolamenti kif ġej:

(a) id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 5(2) u 13 li jirrigwardjaw ir-riunifikazzjoni tal-familja f'Malta:

Iżda dan ma għandux jiddependi fuq ir-rekwiżit li d-detentur tal-permess ta' ħaddiem intra-azjendali jkollu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti u li jkollu perijodu minimu ta' residenza;

(b) id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 4(1) u 14(3) rigward il-kondizzjonijiet ta' integrazzjoni msemmija fihom jistgħu japplikaw biss wara li l-persuni kkonċernati tkun ingħatatilhom ir-riunifikazzjoni tal-familja;

(ċ) id-dispożizzjoni tar-regolament 9 rigward il-permessi ta' residenza għal membri tal-familja għandha tingħata miċ-*Chairperson* Eżekuttiv, jekk il-kondizzjonijiet għal riunifikazzjoni tal-familja jkunu sodisfatti fi żmien disgħin jum mid-data li fiha tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni kompluta. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jipproċessa l-applikazzjoni

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-permess ta' residenza għall-membri tal-familja tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali fl-istess ħin li l-applikazzjoni għall-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jew il-permess ta' mobilità għal perijodu twil, f'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza għall-membri tal-familja tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali tiġi ppreżentata fl-istess ħin. Is-salvagwardji proċedurali stabbiliti fir-regolament 13 għandhom japplikaw kif adatt;

(d) id-dispożizzjonijiet tar-regolament 14(2), rigward it-tul tal-validità tal-permessi ta' residenza ta' membri tal-familji f'Malta għandhom, bħala regola ġenerali, jintemmu fid-data ta' skadenza tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jew tal-permess ta' mobilità għal perijodu twil maħruġ miċ-*Chairperson* Eżekuttiv;

(e) id-dispożizzjonijiet tar-regolament 15(b) u, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni kif jinsab fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Atti ta' Adeżjoni rilevanti, il-membri tal-familja tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali li jkunu ngħataw riunifikazzjoni tal-familja għandhom ikunu intitolati għal aċċess għal impjieg u għal attività ta' impjieg indipendenti, f'Malta.

TAQSIMA V

Mobilità Intra-EU

Mobilità.

17. Iċ-ċittadini ta' pajiżi terzi li għandhom permess validu ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali maħruġ minn Stat Membru ieħor jistgħu, abbażi ta' dak il-permess u dokument tal-ivvjaġġar validu u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 18 u 19, u bla ħsara għar-regolament 20, jidħlu, jgħixu u jaħdmu f'Malta.

Mobilità għal perijodu qasir.

18. (1) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali maħruġ minn Stat Membru ieħor, għandhom ikunu intitolati li jgħixu f'Malta u jaħdmu fi kwalunkwe entità oħra stabbilita f'Malta u li tkun tappartjeni lill-istess impriża jew grupp ta' impriżi, għal perijodu ta' mhux aktar minn disgħin jum fi kwalunkwe perijodu ta' mija u tmenin jum skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament.

(2) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jitlob lill-entità ospitanti fl-Istat Membru l-ieħor li tinnotifika lilu, u lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/66/UE dwar l-intenzjoni tal-ħaddiem bi trasferiment intra-ażjendali biex jaħdem f'entità stabbilita f'Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) In-notifika msemmija fis-subregolament (2) għandha ssir jew:

(a) fiż-żmien tal-applikazzjoni fl-Istat Membru l-ieħor, fejn il-mobilità f'Malta hija diġà prevista f'dak l-istadju; jew

(b) jekk il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jkun diġà ntbagħat fl-Istat Membru l-ieħor, hekk kif tkun magħrufa l-mobilità intiża f'Malta.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jitlob li kwalunkwe notifika għandha tkun akkumpanjata b'dawn id-dokumenti u informazzjoni li ġejjin:

(a) evidenza li l-entità ospitanti f'Malta u l-impriża stabbilita f'pajjiż terz jappartjenu għall-istess impriża jew grupp ta' impriżi;

(b) il-kuntratt ta' xogħol u, jekk meħtieġ, l-ittra ta' stazzjonar, li jkunu ntbagħtu lill-Istat Membru l-ieħor f'konformità mar-regolament 4(1)(ċ);

(ċ) meta applikabbli, dokumenti li jiċċertifikaw li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali biex jeżerċita l-professjoni regolata li dwarha saret l-applikazzjoni;

L.S. 451.03.

(d) dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fir-regolament 4(1)(f); u

(e) fejn mhux speċifikat fl-ebda wieħed mid-dokumenti preċedenti, it-terminu ppjanat u d-dati tal-mobilità:

Iżda ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirrikjedi li dawn id-dokumenti u dik l-informazzjoni jiġu ppreżentati bil-lingwa Ingliża.

(5) Fejn in-notifika tkun saret f'konformità mas-subregolament (3)(a), u fejn iċ-*Chairperson* Eżekuttiv ma qajjem l-ebda oġġezzjoni mal-Istat Membru l-ieħor f'konformità mas-subregolament (7), il-mobilità tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali f'Malta tista' sseħħ fi kwalunkwe mument fi ħdan il-perijodu ta' validità tal-permess tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

(6) Fejn in-notifika tkun saret skont is-subregolament (3)(b), il-mobilità tista' tiġi inizjata b'mod immedjat wara n-notifika liċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew fi kwalunkwe mument wara fi ħdan il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

perijodu ta' validità tal-permess tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

(7) Ibbażat fuq in-notifika msemmija fis-subregolament (3), iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' joġġezzjona għall-mobilità tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali f'Malta fi żmien għoxrin jum minn meta tiġi riċevuta n-notifika, fejn:

(a) il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 4(3)(b) jew fis-subregolament (4)(a), (ċ) u (d) mhumiex imħarsa;

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu nkisbu bi frodi, jew kienu ffalsifikati, jew imbagħbsa;

(ċ) it-tul massimu ta' żjara kif imfisser fir-regolament 10(1) jew fis-subregolament (1) ikun intlaħaq;

(d) il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali huwa meqjus li hu ta' theddida għall-ordni pubbliku, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika:

Iżda ċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti u lill-entità ospitanti fl-Istat Membru l-ieħor dwar l-oġġezzjoni tagħhom għall-mobilità.

(8) Fejn iċ-*Chairperson* Eżekuttiv joġġezzjoni għall-mobilità f'konformità mas-subregolament (7) u l-mobilità tkun għadha ma seħħitx, il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali ma għandux jitħalla jaħdem f'Malta bħala parti mit-trasferiment intra-azjendali. Fejn tkun diġà saret il-mobilità, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-regolament 20(3) u (4).

(9) Fejn il-permess ta' trasferiment intra-azjendali jiġġedded mill-Istat Membru l-ieħor fi ħdan il-perijodu massimu previst fir-regolament 10(1), il-permess ta' trasferiment intra-azjendali mġedded għandu jibqa' jawtorizza lid-dententur tiegħu biex jaħdem f'Malta, soġġett għat-tul massimu kif previst fis-subregolament (1).

Mobilità għal perijodu twil.

19. (1) Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjż terz li għandhom permess validu ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali maħruġ mill-Istat Membru l-ieħor u li għandhom il-ħsieb li jibqgħu f'Malta u jaħdmu fi kwalunkwe entità stabbilita f'Malta, u li tappartjeni lill-istess impriża jew gruppi ta' impriżi għal aktar minn disgħin jum, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jiddeċiedi li japplika l-proċedura prevista fis-subregolamenti (2) sa (7).

(2) Fejn tiġi ppreżentata applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jeħtieġ lill-applikant

VERŻJONI ELETTRONIKA

jippreżenta xi wħud minn jew id-dokumenti kollha li ġejjin fejn huma meħtieġa għal applikazzjoni inizjali:

(a) evidenza li l-entità ospitanti f'Malta u l-impriża stabbilita f'pajjiż terz jappartjenu għall-istess impriża jew grupp ta' impriżi;

(b) kuntratt ta' xogħol u, jekk meħtieġ, ittra ta' stazzjonar, kif previst fir-regolament 4(1)(ċ);

(ċ) meta applikabbli, dokumenti li jiċċertifikaw li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skont ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali biex jeżerċita l-professjoni regolata li dwarha saret l-applikazzjoni; L.S. 451.03

(d) dokument tal-ivvjaġġar validu, kif previst fir-regolament 4(1)(f);

(e) evidenza li jkun applika għal assigurazzjoni kontra l-mard, kif previst fir-regolament 4(1)(g).

(3) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jeħtieġ lill-applikant biex jipprovdi, mhux aktar tard mid-data tal-ħruġ tal-permess għall-mobilità għal perijodu twil, l-indirizz tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali kkonċernat f'Malta:

Iżda ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jeħtieġ, fejn relevanti, li d-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (2) jiġu ppreżentati bil-lingwa Ingliża.

(4) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perijodu twil u jinnotifika d-deċiżjoni bil-miktub lill-applikant mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard minn disgħin jum mid-data li fiha l-applikazzjoni u d-dokumenti previsti fis-subregolament (2) ikunu ġew ppreżentati liċ-*Chairperson* Eżekuttiv.

(5) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv m'għandux jitlob li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jitlaq minn Malta biex jippreżenta applikazzjoni u l-imsemmija persuna m'għandhiex tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' viża.

(6) Il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandu jkun jista' jaħdem f'Malta sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil miċ-*Chairperson* Eżekuttiv, dment li:

(a) il-perijodu ta' żmien msemmi fir-regolament 18(1) u

VERŻJONI ELETTRONIKA

l-perijodu ta' validità tal-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali maħruġ minn Stat Membru ieħor ma jkunx skada; u

(b) jekk iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jeħtieġ li l-applikazzjoni kompluta tiġi ppreżentata lilu mill-inqas għoxrin jum qabel ma tibda l-mobilità għal perijodu twil tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali.

(7) Applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil ma tistax tintbagħat fl-istess żmien bħal notifika għal mobilità għal perijodu qasir:

Iżda fejn ikun hemm bżonn ta' mobilità għal perijodu twil wara li tkun bdiet il-mobilità għal perijodu qasir tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jitlob li l-applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil tkun ippreżentata mill-inqas għoxrin jum qabel it-tmiem tak-perijodu ta' mobilità għal perijodu qasir.

(8) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jirrifjuta applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil meta:

(a) il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolament (2)(a) mhumiex imħarsa jew il-kriterji stabbiliti fir-regolament 4(1)(ċ)(i), (3) u (4) lanqas ma huma mħarsa;

(b) waħda mir-raġunijiet koperti bir-regolamenti 6(1)(b) jew (d), (2), (3) jew (4) tapplika; jew

(ċ) il-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jiskadi matul il-proċedura.

(9) Meta ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jieħu deċiżjoni pożittiva dwar l-applikazzjoni għall-mobilità għal perijodu twil, il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandu jinħariġlu permess għal mobilità għal perijodu twil li jippermetti lill-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jgħix u jaħdem f'Malta. Dan il-permess għandu jinħareġ billi jintuża l-format uniformi stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1030/2002. Taħt l-intestatura 'tip ta' permess', f'konformità mal-punt (a) 6.4 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru. 1030/2020, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jdaħħal 'ICT mobbli':

Iżda ċ-*Chairperson* Eżekuttiv jista' jindika informazzjoni addizzjonali, kif ordnat mill-awtoritajiet pertinenti, relatata mar-relazzjoni tax-xogħol taċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkluż l-isem u l-indirizz ta' min iħaddem, il-post tax-xogħol, it-tip ta' xogħol, is-

VERŻJONI ELETTRONIKA

sigħat tax-xogħol u r-rimunerazzjoni, fuq karta, u, jew jaħżen dik l-informazzjoni f'format elettroniku kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru. 1030/2002.

(10) Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor fejn inħareġ permess għal mobilità għal perijodu twil.

(11) Fejn iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni għal mobilità għal perijodu twil, għandhom japplikaw, kif addat, id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 7 u 13(2) sa (5).

Salvagwardji.

20. (1) Meta l-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jinħareġ minn Stat Membru li ma japplikax l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ u l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jaqsam fruntiera esterna, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv jew l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu jkun intitolat li jitlob bħala evidenza li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali ser jiċċaqlaq lejn Malta għall-għan ta' trasferiment intra-azjendali billi jippreżenta:

(a) kopja tan-notifika mibgħuta mill-entità ospitanti lill-Istat Membru l-ieħor f'konformità mr-regolament 18(3); jew

(b) ittra mill-entità ospitanti f'Malta li tal-inqas tispeċifika d-dettalji ta' kemm ser iddum il-mobilità intra-EU u l-post tal-entità jew entitajiet ospitanti f'Malta.

(2) L-entità ospitanti f'Malta għandha tinforma liċ-*Chairperson* Eżekuttiv bi kwalunkwe modifika li taffettwa l-kondizzjonijiet li abbażi tagħhom il-mobilità kienet tista' ssir:

Iżda jekk iċ-*Chairperson* Eżekuttiv joħroġ il-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jinforma l-awtoritajiet tal-Istat Membru l-ieħor b'mod immedjat.

(3) Iċ-Chairperson Eżekuttiv jista' jitlob li l-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali għandu immedjatament iwaqqaf kull attività ta' impjieg u jitlaq minn Malta fejn:

(a) ma jkunx ġie nnotifikat f'konformità mar-regolament 18(3) u (4) u jeħtieġ tali notifika;

(b) oġġezzjona għall-mobilità f'konformità mar-regolament 18(7);

(ċ) irrifjuta talba għall-mobilità għal perijodu twil f'konformità mar-regolament 19(8);

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) il-permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jew il-permess għall-mobilità fuq perijodu twil jintuża għal finijiet oħra minbarra dawk li għalihom inħareġ;

(e) il-kondizzjonijiet li fuqhom tħalliet isseħħ il-mobilità mhumiex aktar sodisfatti.

(4) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (3), l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu, fuq talba mill-Istat Membru l-ieħor, jippermetti d-dħul mill-ġdid tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali, u fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu jew tagħha, mingħajr formalitajiet u mingħajr dewmien. Dan għandu japplika wkoll jekk il-permess tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali maħruġ minn Malta skada jew ġie rtirat matul il-perijodu ta' mobilità fi Stat Membru ieħor.

(5) Fejn id-detentur ta' permess ta' ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jaqsam il-fruntiera esterna, ta' Stat Membru li japplika l-*acquis* ta' Schengen bis-sħiħ, iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jikkonsulta s-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen. Iċ-*Chairperson* Eżekuttiv għandu jirrifjuta d-dħul jew joġġezzjona għall-mobilità ta' persuni li għalihom tkun inħarġet twissija fis-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen.

Sanzjonijiet.

21. Entità ospitanti li tonqos milli tosserva l-obbligi stipulati hawn taħt, tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti, u teħel, meta tinsab ħatja, ta' multa ta' mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000):

(a) l-entità ospitanti naqset milli tosserva l-kondizzjonijiet ta' ammissjoni, żjara u mobilità skont dawn ir-regolamenti;

(b) l-entità ospitanti naqset li tinnotifika l-mobilità tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali f'konformità mar-regolament 18(2) u (3);

(ċ) il-permess tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali jew il-permess għall-mobilità fuq perijodu twil jintuża għal finijiet oħra minbarra dawk li għalihom inħareġ;

(d) l-applikazzjoni għal permess għal trasferiment intra-azjendali ġiet ippreżentata liċ-*Chairperson* Eżekuttiv iżda l-itwal żjara b'mod ġenerali ma sseħħx f'Malta;

(e) il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali ma għadux jissodisfa l-kriterji u l-kondizzjonijiet li abbażi tagħhom ġiet permessa li sseħħ il-mobilità u l-entità ospitanti tonqos

VERŻJONI ELETTRONIKA

milli tinnotifika liċ-*Chairperson* Eżekuttiv b'tali modifika;

(f) il-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali beda xogħol f'Malta, minkejja li l-kondizzjonijiet għall-mobilità ma kienux sodisfatti fil-każ fejn japplikaw ir-regolamenti 18(6) u 19(6).